MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2006

Avviz Numru. 357/1999/1

**Fl-atti tal-Mandat ta' Qbid numru 38/99 MM**

**Kontrollur tad-Dwana**

**Vs**

**Joseph Dingli, Charles Dingli
u Mario Dingli ghan-nom u
in rappresentanza ta' F.R.D. Ltd**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih ir-rikorrenti nomine et wara li ppremettew:
1. Illi fit-tmienja ta' Frar 1999 il-Marixxal tal-Qrati Michael Micallef ezegwixxa l-mandat hawn fuq premess billi acceda fl-ufficju tar-rikorrenti u elenka xi oggetti li kienu jinsabu hemmhekk;
2. Illi jirrizulta li l-mandat premess inhareg in esekuzjoni ta' titolu ezekuttiv pretiz mill-Kontrollur tad-Dwana ghas-somma ta' erba' mija tlieta u erbghin Lira

Maltija bl-ispejjez u bl-imghaxijiet, u dana kif kontenut fl-ittra ufficjali guramentata tat-13 ta' Novembru 1997 ai termini tal-Kodici ta' procedura u organizzazzjoni Civili;
3. Illi fil-fatt il-Kontrollur tad-Dwara ma ghandu fil-kontront tar-rikorrenti l-ebda titolu ezekuttiv kif dikjarat minnu u dan peress li r-rikorrenti, notifikati bl-ittra ufficjali premessa, ipprezentaw rikors f'din l-Onorabbli Qorti fejn talbu dikjarazzjoni tal-infondatezza tat-talba kontenuta fl-ittra ufficjali. Din it-talba, rikors numru 4/97JAB illum tinsab pendenti quddiem din l-Onorabbli Qorti u filfatt tinsab differita ghall-kontinwazzjoni ghat-2 ta' Marzu 1999.
4. Illi jirrizulta ghalhekk li l-mandat hawn fuq premess inhareg malament stante l-inezistenza tal-kawzali taghha, u li ghalhekk irrita u nulla u ma ghandha ikollha ebda effett fil-ligi peress li kundizzjoni necessarja ghall-hrug ta' mandat ezekuttiv, u cioe it-titolu ezekuttiv, ma tezistix.
Illi inoltre l-esponenti hassu ruhhom aggravati u vessati bil-hrug u bl-esekuzzjoni tal-istess mandat fil-konfront taghhom u dana stante li l-istess mandat inhareg malizzjuzament, frivolozament u vessatorjament;

Talbu bir-rispett li din l-Onotabbli Qorti joghgobha:

a. tiddikjara nulla u bla ebda effett fil-ligi il-mandat ta' qbid hawn fuq premess bin-numru 38/99 u dan billi tiddifetta mir-rekwiziti essenzjali ghall-hrug taghha u li hi manifestament infondata fil-fatt u fid-dritt:
b. Tordna l-isfilz mill-atti ta' din l-Onorabbli Qorti tad-dokumenti kollha koncernanti l-ezekuzzjoni tal-istess mandat;
c. Tiddikjara li l-mandat ta' qbid numru 33/99 inhareg vessatorjament, malizzjuzament jew frivolozament;
d. Tikkundanna l-intimat Kontrollur tad-Dwana ihallas lil kull wiehed mir-rikorrenti somma li din l-Onorabbli jidhrilha xieraq bhala penali, liema penali ma ghandhiex tkun inqas minn hames mitt Lira Maltija jew iktar minn tlett elef lira Maltija.

Bl-ispejjez.

Rat id-digrieti taghha preliminari a fol 3 u fol 11 tal-atti.

Rat ir-risposta tal-intimat (fol 4 ibid) u li biha espona bir-rispett:

1. In-nuqqas ta’ notifika lill-Avukat Generali ai termini tal-artikolu 181B.
2. Illi preliminarjament ukoll,l-indikazzjoni hazina tan-numru tal-mandat fir-rikors promutur, fejn minflok in-numru 38/99MM tnizzel in-numru 30/99MM.
3. Illi l-esponent talab il-hrug tal-mandat ta’ qbid in kwistjoni bi zvista, ghaliex sforz ta’ zball amministrattiv, huwa dehrlu li l-materja in kwistjoni ma kienetx tirrigwarda l-istess merkanzija, meta fil-fatt kienet tikkoncerna l-istess merkanzija suggett tal-kawza numru 4/97JAB.
4. Illi dan kollu gie a konjizzjoni tieghu biss fil-jum tal-bierah, u ghalhekk issa huwa qieghed jintavola l-opportun kontromandat kontestwalment ma’ din ir-risposta, stante proceduri fil-Qorti fuq l-istess materja, u li jgibu numru 4/97JAB differiti ghal-lum stess.
5. Illi l-esponent jirrespingi l-akkuzi li qed isiru fil-konfront tieghu fir-rikors promutur, stante li l-mandat ta’ qbid inhareg bi zvista u bl-ebda mod ma kien malizzjuz, frivolu jew vessatorju, izda inhareg biss sforz ta’ zball amminstrattiv, u ghalhekk it-talba tar-rikorrent ghal dikjarazzjoni f’dan is-sens u ghad-danni mhix fondata u ghandha tigi michuda.
6. Illi kull ma lahaq sehh a bazi ta’ dan il-mandat huwa l-elenku tal-oggetti maqbuda, u la kien appuntat kunsinnatarju u lanqas sar il-bejgh tal-oggetti, u ghalhekk ir-rikorrent ma sofra l-ebda danni. Dan huwa minnu aktar u aktar meta issa l-hrug tal-mandat qed ikun issanat bil-hrug tal-kontro mandat relattiv.

L-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talba tar-rikorrent, bl-ispejjez kontra tieghu, waqt li joghgobha tilqa’ t-talba ghall-hrug tal-kontromandat relattiv.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment dak verbalizzat a fol 21 u fol 22 ibid dwar ir-rikors l-iehor pendenti quddiem din il-Qorti, kif presjeduta bejn l-istess partijiet u bin-numru 4/97.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-istess rikorrenti nomine et (fol 36 et seq ibid) kif ukoll dik tal-intimat a fol 43 et seq ibid.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi dan il-kaz hu marbut ma iehor fl-istess ismijiet u li gie deciz illum (rikors numru 4/97R) u difatti hu konsegwenjzali ghall-imsemmi kaz (ara fol 21 ta' dawn l-atti).

<u>Ikkunsidrat</u>

Ili fil-qosor il-fatti in esami huma kif ser jinghad. Fil-21 ta' Novembru 1997, ir-rikorrenti et nomine kienu gew notifikati b'ittra ufficjali, presentata mill-intimat u dan a bazi tal-artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Ligjiet ta' Malta. Ma din l-ittra ufficjali kien hemm annessa d-dikjarazzjoni guramentata msemmija fl-artikolu 466(2) ibid u li permezz taghha "jkollha l-istess effett daqs li kieku kienet <u>gudikat</u> tal-Qorti kompetenti" sakemm id-debitur, fiz-zmien hemm stipulat, ma jopponix l-istess talba permezz ta' rikors. Difatti r-rikorrenti et nomine kienu ippresentaw dan ir-rikors u b'hekk dak mitlub kien gie kontestat (rikors numru 4/97R gja msemmi).

Illi, pero', l-intimat kien xorta wahda proceda sabiex jesegwixxi dak mitlub fl-imsemmija ittra ufficjali permezz tal-mandat ta' qbid hawn fuq imsemmi bhal li kieku l-istess talba kienet giet reza titolu esekuttiv permezz ta l-procedura sommarja specjali regolata mill-artikolu citat.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi permezz ta' zewg 'affidavits' l-avukati Marvic Sciberras Abdilla u Susan Sciberras (fol 31 u fol 33 ibid) spjegaw illi dan kollu kien konsegwenza ta' "<u>svista purament amministrattiva</u>" kif deskritta b'mod dettaljat fl-istess affidavit" billi "ir-rikors ta' kontestazzjoni ghall-ittra ufficjali kien gie inserit f'file iehor li jappartjeni lil FRD Ltd pero' fuq mertu differenti"

Ikkunsidrat

Illi, in rigward l-ewwel (1) u t-tieni (2) talba kif rizultanti mill-istess rikors in esami ghandu jinghad illi, meta kien instab illi kien gara' dak kollu kif premess, minhabba 'malintiz (li) kien biss frott ta' zball uman u genwin ta' min inserizza l-atti tal-Qorti f'file differenti tal-istess kumpanija…" kien inhareg il-kontro mandat relattiv ghall-mandat in kwistjoni. Minhabba hekk, il-Qorti ghandha tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dawn iz-zewg talbiet.

Ikkunsidrat

Illi, vis-à-vis it-tielet (3) u r-raba' (4) talba, l-artikolu 836 (8) (d) tal-Kapitolu 12 citat jghid illi l-Qorti tista' tikkundanna lir-rikorrenti li jkun inhareg att kawtelatorju fuq talba tieghu sabiex jhallas penali skond il-parametri hemm specifikati, f'kaz li t-talba ghall-hrug tal-istess mandat tkun saret b'malizja, tkun frivola jew vessatorja.

Illi l-ewwel nett ghandu jinghad illi l-artikolu 836(8) (d) citat jirreferi ghal mandati kawtelatorji biss u mhux ghal mandati bhal dak in esami li huma ta' natura esekuttiva.

Illi fit-tieni lok, ir-rikorrenti et nomine kellu jipprova illi l-mandat in esami kien gie mitlub malizjozament, vessatorjament jew minhabba motiv frivolu. Mill-esami tal-provi, il-Qorti hi konvinta illi fil-fatt it-talba ghal-hrug tal-mandat inesami kienet frott ta' nuqqas ta' attenzjoni li, talvolta, tista' tammonta ghal certu, grad ta' traskuragni, li hu cert hu illi'f'dan il-kaz l-intimat ma kienx motivat minn xi malizzja da parti tieghu jew taz-zewg avukati hawn fuq imsemmija. Lanqas ma kien frott ta' xi motiv frivolu jew vessatorju kif qedin jallegaw ir-rikorrenti et nomine izda li, bl-ebda mod ma gie pruvat. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimat hemm referenza ghal sentenza moghtia mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-7 ta' Lulju 2004 fl-ismijiet "Blye Engineering Company Ltd vs Paolo Bonnici Limited". Difatti fis-sentenza citata reza gie ritenut illi hemm responsabilita ghal hlas ta' penali meta minn jitlob u ottjena l-hrug ta' mandat kawtelatorju jkun agixxa

kapriccozament jew b'"mala fede" ossija b'abbuz ta' dritt ta' azzjoni gudizzjarja. Mill-esami tal-provi prodotti f'dawn il-proceduri ma irrizulta illi l-intimat agixxa b'dan il-mod.

Difatti, kif gja premess, il-hrug tal-mandat in esami kien effett ta' nuqqas ta' attenzjoni ossija certu grad ta traskuragni. Dwar dan ghandu jigi rilevat illi fir-rikors in esami hemm talba ghal penali a basi tal-artikolu 836(8) (d) kif citat u mhux talba ghal danni a basi tal-artikolu 836(9) tal-istess Kodici, f'liema kaz l-azzjoni trid tkun proposta b'citazzjoni "ad hoc" u fuq basi ta' negligenza grossolana skond l-aritkolu 1031 u 1032 tal-Kodici Civili.

Ikkunsidrat

Illi, minn dak premess jidher li:-

1. l-ewwel (1) talba hi esawrita stante li nhareg il-kontromandat relattiv.
2. L-istess jista' jinghad dwar it-tieni (2) talba.
3. In rigward it-tielet (3) u raba (4) talba dan ma jistghux jigu akkolti.

Illi, pero, jidher car u evidenti li l-ispejjes kollha involuti f'dan il-kaz, inklusi dawk tal-mandat in esami u tar-relattiv kontromandat ghandhom jigu sopportati mill-intimat, kollha kemm huma.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel (1) u t-tieni (2) talba, tichad it-tielet (3) u r-raba' (4) talba. In rigward l-ispejjes kollha, kif premess, dawn ghandhom jithallsu mill-intimat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------